**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 30 ta’ Gunju, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Noel McCarthy**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Noel McCarthy detentur tal-karta tal-identita numru 33769M akkuzat talli fis-26 ta’ Gunju 2015, kif ukoll matul it-tliet snin u nofs qabel din id-data, l-Qrati tal-Gustizzja fil-Belt Valletta u/jew fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer:

1. Ta xhieda falza u mmanipula x-xhieda tieghu bil-ghan li jizvija lill-Qorti fi proceduri kriminali kontra Pierre Bonnici, u dan bi ksur tal-Artiklu 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli halef il-falz quddiem Magistrat fi proceduri Pulizija vs Pierre Bonnici, li gew irtirati rrevokabbilment minn Nazzareno sive Rennie Azzopardi fis-seduta tad-29 t' April 2016 u dan bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli bil-qerq, holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Pierre Bonnici, bil-hsieb li b' hekk, l-istess Pierre Bonnici jkun jista' jigi kontra s-sewwa misjub hati ta' reat fi proceduri kontra tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fi proceduri kriminali, xjentement gab u esebixxa dokument falz, konsistenti f' notamenti miktubin minnu stess, u dan bi ksur tal-Artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli xjentement issopprima u biddel l-indizji ta' reat kommess minn Nazzareno sive Rennie Azzopardi u dan bi ksur tal-Artikolu 252tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Pierre Bonnici, kemm verbalment kif ukoll bil-kitba, jew b' mod iehor, ingurjah u weggghu, billi ta lis-superjuri tieghu gewwa APS Bank Ltd taghrif inveritier u wettaq misrapprezentazzjoni tal-fatti bil-ghan li jghin illecitamet u llegalment lil ex impjegat iehor ta' APS Bank Ltd, Nazzareno sive Rennie Azzopardi u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. U aktar talli xjentement ghen lil Nazzareno sive Rennie Azzopardi u sahhah il-volonta' tieghu sabiex Pierre Bonnici jinstab hati ta' reato ta' fastidju, ingurja u theddid fi proceduri kriminali istitwiti mill-istess Nazzareno sive Rennie Azzopardi kontra Pierre Bonnici, liema proceduri Nazzareno kien irtira irrevokabbilment fis-

seduta tad-29 t' April, 2016 u dan bi ksur tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli flimkien ma' persuna ohra, ghakkes lil Pierre Bonnici u kkaguna hsara psikologika u ansjeta' lill-istess Pierre Bonnici ghal aktar minn 9- gurnata u dan bi ksur tal-Artikolu 261(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Pierre Bonnici billi torbot lil Noel McCarthy permezz ta' garanzija illi ma jimmolesta bl-ebda mod lill-kwerelant.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 t' Ottubru, 2016 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat lil Parte Civile jixhed bil-gurament fl-udjenza tallum fejn huwa ddikjara illi kien hemm misunderstanding bejnu u bejn l-imputat liema misunderstanding illum huwa rizolt u li llum il-gurnata huwa jixtieq jirrinunzja ghall-proceduri kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Semghat lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-unika xhud f' din il-kawza kien l-istess Parte Civile u peress li l-kaz gie rizolt bejniethom huwa ma kellux provi ohra xi jressaq.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat b' diversi imputazzjonijiet fosthom li mmanipula x-xhieda tieghu bil-ghan li jizvija l-Qorti (Art. 105 tal-Kodici Civili) kif ukoll bir-reati kontemplati fl-Artikoli 108, 110, 103, 252, 42 u 216(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi sabiex tissostanzja ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet u ghalhekk l-istess imputazzjonijiet ma jistghux jitqiesu li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**